# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 21**

**Rikors numru: 195/09 AL**

**Joseph Gauci**

**v.**

**Eleonora Gauci**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja moghtija fid-29 ta' Ottubru 2015 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :
>
> "1. Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Settembru 1965, ghandhom tlett itfal maggorenni u isseparaw legalment skont kuntratt hawn anness

Dokument A. It-tfal ghandhom 40, 38 u 35 u kollha jghixu ghar-rashom. Illi l-partijiet huma divorzjati;

“2. Illi skont l-istess kuntratt (Dok A) ir-rikorrenti kien obligat ihallas LM 25 fil-gimgha. U ilu ihallas l-istess manteniment minn April 1993. Qabel din id-data r-rikorrent kien ihallas manteniment regolari;

“3. Illi skont l-istess kuntratt klawsola wiehed (1) l-partijiet ftehmu li “such amount shall be revised when husband reaches the age of 60 years. Provided further that if the husband is no longer working, such maintenance shall be revised. Saving the above the parties mutually and reciprocally waive and renounce to any right of maintenance, now and for all time, whatever the circumstances that may arise”.

“4. Illi illum r-rikorrent ghandu tnejn u sittin sena (62) u mhux impjegat iktar. Illi l-pensjoni massimu li jista ikollu huwa euro 874 fix-xahar u ghalhekk mhux f’posizzjoni li ikompli ihallas manteniment. Illi l-intimata ghandha zewg idjar taghha u tikri lil terzi wiehed minn dawn. Illi sa fejn jaf hu l-intimata tircievi jew kienet tircievi ukoll; xi ghajnuna socjali;

“5. Illi r-rikorrent illum huwa mizzewweg u ghandu spejjez kbar inkluz spejjez minhabba li huwa dijabetiku u ma jistax ikompli ihallas l-manteniment lil Eleonora Gauci;

“6. Illi bhala fatt l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar tletin sena u l-intimata kellha kull opportunita li tiehu hsieb l-posizzjoni taghha. Illi minn meta beda ihallas manteniment r-rikorrent diga hallas approx. €93000 lill-intimata;

“7. Illi l-matrimonial home gie assenjat kollu lill-intimata fil-kuntratt ta’ separazzjoni;

“8. Illi l-partijiet ippruvaw isolvu din il-pendenza b’medjazzjoni legali izda ma sar ebda ftehim bejniethom;

“Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1) Jew tiddikjara li l-esponent ma ghandux ihallas iktar manteniment jew inaqqas konsiderevolment l-istess manteniment u;

“2) Tordna lil intimata thallas lura lir-rikorrent dak l-ammont imhallas bhala manteniment minn meta l-esponent ghalaq 60 sena;

“Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ingunta ghas-subizzjoni;

“Bl-imghax legali;

"Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

"1. Illi preliminarjament n-nullita tal-procedura u kwindi tal-kawza stante illi skont gurisprudenza ricenti r-rikorrent kellu jerga jintavola il-medjazzjoni mill-gdid sabiex jipprocedi f'din l-istanza, stante li d-digriet ta' awtorizzazzjoni inghata fil-31 ta Jannar 2009 u ghalhekk r-rikorrent ma ipprosegwiex fit-terminu impost ta' xahrejn;[1]

"2. Illi subbordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda kontra bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;

"3. Illi preliminarjament sabiex t-talba tar-rikorrent tirnexxi, huwa irrid jipprova li ma jistax ihallas iktar dak il-manteniment u li tali cirkokstanzi (biss), jekk ippruvati, iwasslu ghall-konsegwenti tnaqqis ta' dik is-somma iffissata jew bi ftehim jew b'sentenza tal-Qorti;[2]

"4. Illi wkoll f'gurisprudenza varja tal-Qorti tal-Appell dawn ic-cirkostanzi iridu jikkwalifikaw bhala 'gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta tal-attur' li igibuh fl-impossibilita li ihallas dak il-manteniment';[3]

"5. Illi fl-umli fehma tal-esponenti r-rikorrent mhux ser jirnexxilu jipprova li l-mezzi tieghu tnaqqsu b'mod drastiku u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda interament bl-ispejjez;

"6. Illi fil-mertu l-esponenti tispjega li hija tippercepixxi €252.40 fix-xahar minghand zewgha; tul dawn l-ahhar snin hija qatt ma inghatat zieda skont l-gholi tal-hajja;

"7. Illi l-esponenti hija persuna ta' tlieta u sittin (63) sena u qatt ma hadmet hlief fl-ewwel sena taz-zwieg, hija rabbiet tlett itfal illum ilkoll maggorenni;

"8. Illi l-partijiet isseparaw legalment fis-sena 1993 wara snin separati de facto u wara l-adulterju ripetut tar-rikorrent; l-esponent hija mara li tghix wahedha;

"9. Illi l-istat ta' sahha tal-esponenti jikkomporta fuqha spejjez kbar, liema spejjez hija ma tistax thallas stante li mhux f'posizzjoni finanzjarja li taghmel front ghall-istess;

---

[1] Schembri Francis vs Schembri Angelina – Qorti Kostituzzjonali deciza 10 ta' Novembru 2008

[2] Citazz numru 219/2000 RCP – John Carbonaro vs Maryanne Carbonaro

[3] Alfred Grech vs Pauline Grech – Qorti tal-Appell deciza 16 ta' April 2004

“10. Illi r-rikorrent jghix ma martu li hija ghaxar snin izghar minnu u tahdem, ghalhekk l-introjtu tar-rikorrent jikkonsisti fil-pensjoni tieghu u s-salarju ta’ martu;

“11. Illi wkoll l-esponenti tikkontendi li ma hemmx lok ghal revizjoni tal-manteniment stante li r-rikorrent ghandu mezzi bizzejjed sabiex ihallas l-istess; ser jigi ippruvat li r-rikorrent mhux biss kien proprjetarju ta’ numru ta’ proprjeta immobbli li iggeneraw qliegh sostanzjali, kif wkoll li huwa kellu salarji konsiderevoli minn posizzjonijiet manigerjali; l-introjtu tar-rikorrent minn dawn l-investimenti ghadu sal-present;

“12. Illi jinghad wkoll li ghalkemm fil-present r-rikorrenti jiddikjara li huwa ‘pensjonant’, huwa xorta baqa jahdem bhala konsulent ta’ certa kumpaniji;

“13. Illi l-esponent topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti anke in vista tal-fatt li l-kuntratt ta’ separazzjoni, iffirmat mill-partijiet jistipula possibilita ta’ revizjoni, jekk ir-ragel ma jahdimx jew jekk l-introjtu tieghu jitnaqqas drastikament, l-esponenti issostni li dan mhux il-kaz odjern;

“14. Illi d-differenza fil-mezzi tal-partijiet huwa wkoll evidenzjat mill-karozzi proprjeta tar-rikorrenti u martu u mir-residenzi rispettivi tal-partijiet, kif ukoll mis-safar frekwenti li isiefru r-rikorrent u martu anke issa li r-rikorrent huwa ‘pensjonant’;

“15. Illi ghalhekk invista tas-suespost li l-introjtu li ghandu r-rikorrent jissupera ferm dak li tippercepixxi l-esponenti, ghalhekk l-esponenti thoss li ikun gust u ekwu li l-manteniment lilha dovut ma jigix rivedut u li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda kollha bl-ispejjez;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat id-dokumenti li gew ezebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi din hija kawza li permezz taghha r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li m’ghandux ihallas aktar manteniment jew li l-istess manteniment

jitnaqqas konsiderevolment b'talba specifika sabiex l-intimata tigi ordnata thallas lura l-ammont imhallas lilha bhala manteniment minn meta r-rikorrent ghalaq l-eta' ta' sittin (60) sena.

**"<u>Il-verzjoni tar-rikorrent</u>**

"Illi permezz tal-affidavit tieghu[4], r-rikorrent prattikament jirrepeti l-premessi tar-rikors guramentat tieghu u cioe' jiddikjara li huwa legalment separat mill-intimata permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Peter Carbonaro u jiccita l-Artikolu relattiv li fuqu hija msejsa l-kawza odjerna u cioe' dik li ssemmi li l-manteniment ghandu jkun revedut meta jaghlaq l-eta' ta' sittin sena jew meta ma jkunx qed jahdem. Jiddikjara li ghalaq l-eta' ta' sittin sena (ghaliex fiz-zmien tal-istess affidavit kellu 62 sena) b'dan li jiddikjara wkoll li ma jahdimx, b'dan li l-pensjoni massima tieghu hija dik ta' €874 fix-xahar u ghalhekk ma jistax ihallas manteniment, filwaqt li l-intimata ghandha zewgt idjar li wahda minnhom tinkera lil terzi. Jghid ukoll li l-intimata ghandha vettura u ghandha polza ta' assigurazzjoni medika, filwaqt li hu mizzewweg lil haddiehor u ghandu spejjez kbar inkluz minhabba l-fatt li huwa dijabetiku. Jghid li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena u ghalhekk l-intimata kellha bizzejjed zmien biex tahseb ghaliha nnifisha. Jikkalkula li hallas is-somma ta' €93,000 f'manteniment u li minkejja kull tentattiv fi stadju ta' medjazzjoni, ma ntlahaq ebda forma ta' ftehim.

"Imbaghad permezz ta' affidavit iehor, din id-darba aktar dettaljat[5], jispjega li l-intimata taghmel minn kollox biex ittawwal il-proceduri u dan b'vantagg ghaliha stess biex tkompli tippercepixxi l-manteniment. Jghid li mhux f'posizzjoni li jhallas il-manteniment filwaqt li l-intimata kapaci tahdem izda tirrifjuta. Jghid li l-intimata ghandha zewg proprjetajiet, li wahda minnhom tinkera lil terzi. Jispjega li ghandha flus bizzejjed tant li preferiet taghmel operazzjoni fi sptar privat minflok ma tagevola ruhha minn skema tas-sahha. Jitlob lill-qorti sabiex tikkunsidra sew is-sitwazzjoni tieghu u cioe' li huwa mizzewweg lil Sonia, ghandu pensjoni, ghandu kondizzjoni kronika u fl-istess hin irid imantni lil martu u lil daru.

"Ir-rikorrent jipprezenta wkoll it-tielet affidavit tieghu[6] fejn wara li jirrepeti hafna mill-affarijiet li kien diga' tkellem dwarhom fl-affidavits precedenti tieghu, jiddikjara li mhux facli ghalih, fl-eta' tieghu li jsib xoghol u ghalhekk l-uniku introjtu tieghu hija l-pensjoni. Fid-dawl ta' dan jikkontendi li m'ghandux il-finanzi necessarji biex ikompli jhallas il-manteniment lill-intimata ghaliex jekk jibqa' jaghmel hekk ser jippregudika hajtu u hajjet il-mara li ghandu. Permezz tal-istess affidavit, ir-rikorrent jaghti rendikont tal-ispejjez li huwa jinkorri, b'total ta' €213 fil-gimgha[7].

---

[4] Ara a fol 13 tal-process
[5] Ara a fol 31 tal-process
[6] Ara a fol 87 tal-proces
[7] Ara a fol 89 tal-process

**“<u>Il-verzjoni tal-intimata</u>**

“Permezz tal-affidavit taghha[8], l-intimata tibda biex tirrispondi ghal dak li jghid l-attur u cioe’ li dejjem hallas il-manteniment. Tispjega li dan mhux minnu u li qabel ma sseparaw la kien ihallas manteniment ghaliha u lanqas ghat-tfal. Tispjega li l-kwistjoni tal-manteniment dejjem kienet miggielda bejniethom b’dan li kellha tibghatlu diversi ittri u tiehu proceduri anke kriminali biex isir il-hlas relattiv. Tispjega wkoll li d-dar gia matrimonjali kienet proprjeta’ parafernali taghha, ghalkemm irid jinghad li fil-verita’ d-dar matrimonjali m’ghandhiex ness mal-mertu tal-kawza odjerna. Tichad li l-attur hallas is-somma ta’ €93,000 f’manteniment ghaliex is-somma hija dik ta’ €252.40 fix-xahar li qatt ma gholiet sa’ mis-sena 1993. Tiddikjara li qatt ma hadmet hlief ghal sentejn qabel iz-zwieg, ghaliex kienet mara tad-dar li rabbiet lill-ulied. Tichad li l-ulied kienu jghixu mieghu u dan taghmlu wkoll ghal finijiet ta’ kredibilita’ peress li l-ulied u hajjithom u l-benessere taghhom mhux il-mertu tal-istess kawza lanqas, kif wara kollox tammetti l-intimata stess.

“Tispjega wkoll li l-mara tal-attur ghandha *business* mid-dar u li ricentement sar tibdil strutturali fid-dar billi ttella’ sular addizzjonali u gie stallat lift. Tghid ukoll li l-attur, minkejja li hu pensjonant, isiefer frekwentement u ghandu karozzi ta’ valur aktar minn tal-intimata. Dwar il-proprjeta’, taghha tghid li wahda minnhom u cioe’ dik ta’ Tarxien hija proprjeta’ parafernali filwaqt li l-proprjeta’ l-ohra u cioe’ dik ta’ Marsaskala tghix fiha fis-Sajf u ma tikrihiex.

“Tispjega wkoll li qed topponi ghat-talbiet tal-attur abbazi tal-fatt li ghandu bizzejjed introjtu biex jibqa’ jhallas il-manteniment.

**“<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimata u cioe’ li l-proceduri huma nulli peress li r-rikorrent ma ntavolax il-kawza tieghu entro t-terminu ta’ xahrejn imposti mill-ligi</u>**

“Illi l-intimata, permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, tikkontendi li l-kawza odjerna giet intavolata *fuori termine*. L-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397/2003 li fuqu ddur il-kwistjoni kollha tal-eccezzjoni odjerna li jghid hekk:

> “*Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista’ jigi moghti ghal raguni gravi*”.

“Il-qorti tirrileva li l-Artikolu hawn citat ma jhalli ebda ombra ta’ dubju fuq iz-zmien li ghandha parti sabiex tippromwovi proceduri wara li tinghalaq il-medjazzjoni. Dan il-perjodu huwa wiehed ta’ xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista’ jigi moghti ghal raguni gravi. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm talba ta’ xi wiehed jew wahda mill-partijiet (jew b’mod

[8] Esebit a fol 1111 tal-process

konguntiv bejniethom) u dejjem ghal raguni gravi, z-zmien impost sabiex tigi intavolata kawza bhal dik odjerna jibqa' dak ta' xahrejn.

"Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-ittra ta' medjazzjoni intavolata mir-rikorrent u datata t-22 ta' Novembru 2007 u ghad-digriet ta' din l-istess Onorabbli Qorti kif diversament preseduta li jindika li huwa datat il-31 ta' Jannar 2008[9]. Dan ifisser li t-terminu ta' xahrejn impost mil-ligi u cioe' z-zmien li fih ir-rikorrent seta' jintavola l-kawza tieghu beda jiddekorri mid-data tal-istess digriet u cioe' l-31 ta' Jannar 2008. Dan ifisser li l-kawza odjerna kellha necessarjament tigi intavolata sal-31 ta' Marzu 2008. Mid-dokumentazzjoni esebita ma jirrizultax li saret xi forma ta' talba ghal estensjoni taz-zmien tal-prezentata tal-kawza u konsegwentement fin-nuqqas ta' dan, iz-zmien impost jibqa' dak ta' xahrejn, dekorribbli mid-data tad-digriet u cioe' l-31 ta' Jannar 2008.

"Illi m'hemm ebda dubju li r-rikorrent intavola l-kawza odjerna fit-30 ta' Novembru 2009 u cioe' aktar minn sena u nofs minn mindu kien skada t-terminu sabiex jintavola l-kawza odjerna. *Stante* n-nuqqas ta' prova ta' talba ta' estensjoni li giet milqugha u *stante* n-nuqqas ta' prova li wara tali digriet regghu infethu xi proceduri ta' medjazzjoni ohra bejn il-partijiet, l-Qorti thoss li anke fid-dawl ta' gurisprudenza recenti, fosthom il-kawza fl-ismijiet **Donald Caruana Vs Christine Jo Caruana** (Rikors Numru: 5/12 AL) deciza minn din il-Qorti stess nhar it-13 ta' Frar 2013, kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **Francis Schembri vs Angelina Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell deciza nhar l-10 ta' Novembru 2008, din l-istess Qorti m'ghandha ebda alternattiva ohra hlief li tiddikjara li l-kawza odjerna hija nulla abbazi tal-fatt li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 397/2003.

"Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimata bbazata fuq in-nullita' tal-proceduri *stante* li r-rikorrent ma ntavolax il-kawza odjerna fiz-zmien impost mill-ligi, thoss li huwa superfluwu li tevalwa, tifli u tiehu in konsiderazzjoni il-provi voluminuzi li gew prezentati mill-partijiet fuq il-mertu tal-istess kawza, *stante* li n-nullita' tal-istess kawza necessarjament twassal ghal dikjarazzjoni u sitwazzjoni fejn il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-istess u ma tistax tiehu decizjoni dwar l-istess mertu meta l-proceduri nnifishom qed jigu dikjarati li huma nulli. Hija verament sfortuna li l-partijiet fl-ebda stadju ma talbu li jkun hemm sentenza preliminari fuq l-ewwel eccezzjoni minflok ma l-partijiet ressqu l-provi taghhom (b'mod verament voluminuz) fuq il-mertu tal-istess kawza. Il-qorti ma tistax, abbazi tan-nullita' tal-istess kawza li qed tigi akkolta, tidhol fil-kwistjoni tal-mertu u taghmel analizi tal-istess provi ghaliex dak li huwa null ma jista' jipproduci xejn li huwa validu. Huwa ghalhekk li l-provi fil-mertu qed jigu mwarrba abbazi tal-ewwel eccezzjoni tal-istess intimata li qed tigi akkolta.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti taqta' u tiddeciedi billi:

[9] Ara a fol 9 tal-process

> "1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimata u konsegwentement tiddikjara li l-proceduri odjerni huma nulli u bla effett fil-ligi;
>
> "2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.
>
> "Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Minn din is-sentenza appella l-attur u wara li din il-Qorti ippronunzjat sentenza dwar il-validita` tan-notifika tal-appellata fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, l-Avukati rispettivi trattaw dan l-appell.

Kif huwa evidenti minn qari tas-sentenza, l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu ma kellhiex tiddeciedi kif ghamlet u cioe` l-azzjoni kienet nulla ghaliex ma gewx segwiti id-dettami tar-regolament 11 (1) (mhux 10 (1) kif indikat fis-sentenza) tal-Avviz Legali 397 tal-2003;

> *"11. (1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi.*

Qabel xejn il-Qorti hija perplessa kif il-partijiet hallew din il-kawza timxi regolarment bil-partijiet ressqu l-provi bejn l-2009 u l-2015 b'rizultat li meta l-kawza marret ghas-sentenza il-Qorti kellha bilfors tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tan-nullita' li tressqet sa mill-bidu tal-kawza. Kien messha saret insistenza fuq il-Qorti da parti ta' xi hadd mill-partijiiet biex tinghata sentenza fuq din l-eccezzjoni u mhux jitressqu l-provi

kollha biex imbaghad ikun sar kollox ta' xejn. Ta' dan jahtu l-partijiet l-istess u l-Qorti se tipprovdi ghal dan meta tiddeciedi l-kap tal-ispejjez tal-ewwel istanza.

Ma hemmx dubju li f'materja bhal dik odjerna, huwa tassattiv ghall-partijiet li l-ewwel jirrikorru ghall-medjazzjoni kif rikjesta mir-regolament tal-Avviz Legali 397 fuq imsemmi. Dan l-appellant ghamlu u in effetti ottjena l-awtorizzazzjoni biex jistitwixxi l-proceduri quddiem il-Prim Awla (Sezzjoni Familja). Madankollu imbaghad naqas li jistitwixxi l-azzjoni entro x-xahrejn imsemmija fir-regolament 11.

Fil-kaz **AB vs CB (Rik Nru 501/07NC) deciz fis-7 ta' Dicembru 2010**, fejn l-attur naqas li jirrikorri ghall-medjazzjoni, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienet iddecidiet hekk;

> *"Ghaldaqstant l-argument formanti l-bazi ta' l-ewwel eccezzjoni huwa legalment validu fis-sens li l-medjazzjoni li saret u l-awtorizzazzjoni li nghatat, saru u nghataw biss limitatament ghall-kwisjoni ta' l-access, u ghalhekk ma jkoprux il-problemi formanti parti mit-talbiet ta' l-attur, bil-konsegwenza li fuq dawn il-problemi ma saritx medjazzjoni, u ghalhekk l-attur meta pprezenta l-kawza odjerna agixxa barra t-termini legali mfassla fl-imsemmi Avviz Legali.*
>
> *"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni fis-sens li tiddikjara li l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni minghajr l-awtorizzazzjoni skond il-ligi; u ghalhekk, filwaqt li f'dan l-istadju, tissospendi l-proceduri odjerni, tordna li, fi zmien ghaxart ijiem il-parti tistitwixxi proceduri ta' medjazzjoni godda biex jigu diskussi skond il-ligi l-kwistjonijiet formanti l-bazi tat-talbiet ta' l-attur.*

Il-Qorti jidrilha li dan il-principju ghandu jkun aktar applikabbli ghall-kaz bhal dak odjern fejn kull ma kien jonqos kien li l-appellant jottjeni minghand il-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni biex il-kawza jistitwiha **wara** x-xahrejn imsemmija mil-ligi. Dan anke ghaliex, kif issottometta l-appellant, in-nullita` trid tkun dikjarata espressament mil-ligi (Artiklu 789 tal-Kap. 12) u l-appellata ma sofriet ebda pregudizzju minn dan in-nuqqas procedurali tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu, tirrimetti l-atti tal-kawza mill-gdid quddiem [X]~~il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja)~~ biex tinghata l-awtorizzazzjoni li l-azzjoni tigi istitwita wara t-terminu ta' xahrejn u eventwalment tigi trattata u deciza l-kawza fil-mertu.**

**L-ispejjez taz-zewg istanzi sa issa jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr

[X] Kliem sostitwit b'digriet tat-13 ta' Frar 2019 "il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)"